

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Diċembru 2010 — Nencini vs Il-Parlament**

(Kawża T-560/10)

(2011/C 38/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Riccardo Nencini (Firenze, l-Italja) (rappreżentant: F. Bertini, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

**Talbiet tar-rikorrent**

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ĝeneralji jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tas-Segretarju Ĝeneralji tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ottubru 2010, indirizzata lil Riccardo Nencini, u l-Komunikazzjoni Nru 3135653 tad-Direttur Ĝeneralji tad-Direttorat Ĝeneralji tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ottubru 2010, u l-Komunikazzjoni Nru 3135653 tad-Direttur Ĝeneralji tad-Direttorat Ĝeneralji tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Ottubru 2010, li għandha bħala suġġett “Irkapru ta’ hlasijet indebiti firrigward tal-ħlas ta’ kumpens ta’ assistenza parlamentari u ta’ vvjaġġar – Nota ta’ debitu”, kif ukoll tal-atti li ġejjin, li digħi kienu s-suġġett tar-rikors preċedenti pendent quddiem il-Qorti Ĝeneralji fil-kawża T-431/10: id-deċiżjoni tas-Segretarju Ĝeneralji tal-Parlament Ewropew tas-16 ta’ Lulju 2010, indirizzata lir-rikorrent, u sa fejn huwa meħtieġ, tal-atti preċedenti, konnessi u ta’ natura konsegwenti għad-deċiżjoni kkontestata; il-Komunikazzjoni Nru 312331 tad-Direttur Ĝeneralji tad-Direttorat Ĝeneralji tal-Finanzi tal-Parlament Ewropew tal-4 ta’ Awwissu 2010, indirizzata lil Riccardo Nencini u atti preċedenti, konnessi u ta’ natura konsegwenti.
- l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u tirriňva l-każ quddiem is-Segretarju Ĝeneralji tal-Parlament Ewropew sabiex issir determinazzjoni mill-ġdid b'mod ekwu tal-ammont ikktestat.
- fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Ir-rikorrent f'din il-kawża huwa l-istess tal-kawża T-431/10 Nencini vs Il Parlament<sup>(1)</sup>.

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jissottometti motivi u argumenti simili għal dawn invokati f'din il-kawża.

(<sup>1</sup>) ĠU C 317, p. 40.

**Rikors ippreżentat fit-8 ta' Diċembru 2010 — LG Electronics vs UASI (DIRECT DRIVE)**

(Kawża T-561/10)

(2011/C 38/32)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: LG Electronics, Inc. (Seoul, ir-Repubblika tal-Korea t'Isfel) (rappreżentant: M. Graf, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

**Talbiet tar-rikorrenti**

- Tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-22 ta' Settembru 2010, fil-Każ R 1027/2010-2;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* Trade mark verbali “DIRECT DRIVE” għal prodotti fil-klassijet 7 u 11 — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja Nru 8797052

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* Applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* Appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni trade marks Komunitarji u reġistrazzjonijiet nazzjonali preċedenti, kif ukoll applikazzjoni nazzjonali.